# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-6 ta' Marzu 2009**

**dwar id-derogi li jistgħu jingħataw skont ir-Regolament (KE) Nru 958/2007 fir-rigward tal-istatistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2007/8)**

***(BĊE/2009/4)***

(2009/245/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 958/2007 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Lulju 2007 fir-rigward tal-istatistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2007/8) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2),

Billi l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8) jistabbilixxi li jistgħu jingħataw derogi mill-obbligi ta' rappurtar ta' statistika, lil fondi ta' investiment (IFs) li huma suġġetti għal regoli nazzjonali ta' kontabilità, liema regoli jippermettu l-valutazzjoni tal-assi ta' dawn il-fondi ta' investiment ssir anqas frekwenti milli kull trimestru. Jistabbilixxi wkoll li l-kategoriji tal-IF lil lilhom il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom id-diskrezzjoni li jagħtu derogi, għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill Governattiv,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Derogi**

Il-kategoriji tal-IF li lilhom il-BĊNi għandhom id-diskrezzjoni li jagħtu derogi skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8), huma stabbiliti fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni. Il-Kunsill Governattiv għandu jirrevedi dawn il-kategoriji ta' lanqas kull tliet snin.

*Artikolu 2*

**Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊNi tal-Istati Membri li adottaw l-euro.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 6 ta' Marzu 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

[1] ĠU L 211, 11.8.2007, p. 8.

*ANNESS*

**Kategoriji ta' Fondi ta' Investiment li għalihom jistgħu jingħataw derogi skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8)**

| Stat Membru | Isem il-kategorija tal-IF | Att legali dwar il-kategorija | | | Att legali li jiddetermina l-frekwenza tal-valutazzjoni | | | Frekwenza tal-valutazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Titolu tal-att legali | Numru/data tal-att legali | Dispożizzjonijiet relevanti | Titolu tal-att legali | Numru/data tal-att legali | Dispożizzjonijiet relevanti | |
| Il-Greċja | Εταιρίες επενδύσεων σε ακίνητη περιουσία<br>(Kumpaniji ta' investiment fil-bini) | Αμοιβαία Κεφάλαια Ακίνητης Περιουσίας — Εταιρίες Επενδύσεων σε Ακίνητη Περιουσία και άλλες διατάξεις<br>(Liġi dwar fondi komuni fil-bini – kumpaniji ta' investiment fil-bini u dispożizzjonijiet legali oħra) | Nru 2778 tat-30 ta' Diċembru 1999 | Artikolu 21 | Αμοιβαία Κεφάλαια Ακίνητης Περιουσίας — Εταιρίες Επενδύσεων σε Ακίνητη Περιουσία και άλλες διατάξεις<br>(Liġi dwar fondi komuni fil-bini – kumpaniji ta' investiment fil-bini u dispożizzjonijiet legali oħra) | Nru 2778 tat-30 ta' Diċembru 1999 | Artikoli 22(7) u 27(3) u (4) | Annwali |
| Franza | Fonds commun de placement à risque<br>(Fondi komuni ta' kapital ta' riskju) | Code monétaire et financier<br>(Kodiċi monetarju u finanzjarju) | | Kapitolu IV, Taqsima 1, sub-sezzjoni 10, L214-36 sa L214-38 | Règlement général de l'Autorité des marchés financiers<br>(Regolament ġenerali tal-Awtorita' tas-Swieq Finanzjarji) | | Ktieb IV, Artikolu 141-13 | Darbtejn fis-sena |
| Franza | Sociétés civiles de placement immobilier<br>(Kumpaniji ta' investiment fil-bini) | Code monétaire et financier | | Kapitolu IV, Taqsima 3 L214-50 sa L214-84 | Règlement général de l'Autorité des marchés financiers | | Ktieb IV, Artikolu 422-44 | Annwali |
| Franza | Organismes de placement collectif immobilier<br>(Impriżi ta' investiment kollettiv fil-bini) | Code monétaire et financier | | Kapitolu IV, Taqsima 5, L214-89 sa L214-146 | Règlement général de l'Autorité des marchés financiers | | Ktieb IV, Artikolu 424-66 | Darbtejn fis-sena |

| Stat Membru | Isem il-kategorija tal-IF | Att legali dwar il-kategorija | | | Att legali li jiddetermina l-frekwenza tal-valutazzjoni | | | Frekwenza tal-valutazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Titolu tal-att legali | Numru/data tal-att legali | Dispożizzjonijiet relevanti | Titolu tal-att legali | Numru/data tal-att legali | Dispożizzjonijiet relevanti | |
| L-Italja | Fondi chiusi<br>(Fondi magħluqa) | Decreto legislativo — Testo unico delle disposizioni in materia di intermediazione finanziaria<br>(Digriet leġiżlattiv – id-dispożizzjonijiet kollha fil-qasam tal-intermedjazzjoni finanzjarja) | Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998 | Parti I, Artikolu 1<br>Parti II, Artikolu 37 | Provvedimento della Banca d'Italia — Regolamento sulla gestione collettiva del risparmio<br>(Att tal-Banca d'Italia – Regolament dwar l-immaniġġjar kollettiv tat-tfaddil) | 14 ta' April 2005 | Titolu V, Kapitolu 1, Taqsima II, paragrafu 4.6 | Darbtejn fis-sena |
| | | Decreto ministeriale — Regolamento attuativo dell'articolo 37 del decreto legislativo del 24 febbraio 1998, n. 58<br>(Digriet ministerjali – Regolament li jimplimenta l-Artikolu 37 tad-digriet leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998) | Nru 228 tal-24 ta' Mejju 1999 | Kapitolu II, Artikolu 12 | | | | |
| Il-Portugall | Fundos de capital de risco<br>(Fondi kapitali tar-riskju) | Decreto-Lei<br>(Digriet) | Nru 375/2007 tat-8 ta' Novembru 2007 | Artikolu 18 | Regulamento da Comissão do Mercado de Valores Mobiliários<br>(Regolament tal-Kummissjoni għas-Suq tat-Titoli) | Nru 1/2008 tal-14 ta' Frar 2008 | Artikoli 4 u 11 | Darbtejn fis-sena |